# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imħallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 45/2014**

Il-Pulizija

(Spettur Ramon Mercieca)

vs

**Dygon Magro**

iben John , imwieled Pieta', fit-30 ta' Awwissu, 1988, detentur tal-karta tal-identita' numru 521588(M)

Illum 23 ta' Ottubru, 2018.

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant Dygon Magron quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta):

Talli fit-2 t'Ottubru, (2013) għall-ħabta tat-16:30p.m. waqt fuq il-baħar fl-inħawi ta' Wied il-Ġħajn , ikkonfoffajt jew ittantajt , jew għent jew tajt pariri jew flus lil xi ħadd ieħor biex jikser xi disposizzjoni ta' dawn ir-regolamenti, jew biex tikser xi restrizzjoni jew ħtieġa imposta minn jew taħt dawn ir-regolamenti, tkun ħatja ta' reat taħt dawn ir-regolamenti u dan bi ksur ta' Taqsima 2 tar-Regolament 27 (1) (d).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-29 ta' Jannar, 2014 fejn il-Qorti wara li rat ir-Regolament 27(1)(d) tal-A.L. 79/2006 (S.L. 504.71) tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati skont l-akkuża kif dedotta kontra tiegħu u għaldaqstant kkundannatu multa ta' elfejn euro (€2000).

Rat ir-rikors tal-appellanti Dygon Magro minnu ppreżentat fil-11 ta' Frar, 2014 fejn talab lil din il-Qorti jogħġobha tilqa' dan l-appell billi TĦASSAR U TIRREVOKA s-sentenza appellata, u konsegwentement tilliberaħ minn kull imputazzjoni, ħtija u piena.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

Illi jidher illi l-Ewwel Qorti sabet htija fl-appellant, a bazi ta' dak li huwa stqarr mal-Pulizija, u cioe, illi huwa u persuna ohra kienu fuq id-*dinghy* tieghu, u li jista' jkun li huma dahlu aktar 'il gewwa minn tlett kilometri mal-kosta.

Jigi umilment sottomess illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setghet qatt issib htija fl-appellanti, propju bazi ta' dak li huwa stqarr mal-Pulizija, u dan peress illi, anke fuq skorta ta' gurisprudenza tal-Qrati taghna, l-verzjoni tal-appellant ittiehdet bi ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu.

Illi fil-fatt minn l-atti processwali, u senjatament l-affidavits tal-Ufficjali tal-Pulizija PS 364, PS 305, u kif ukoll PC 798, minn imkien ma jirrizulta li dawn l-ufficjali segwew id-dettami ta' dak mahsub fil-Kodici Kriminali, u cioe, li huma offrew lill-appellant il-possibilita li huwa jikkonsulta ma' avukat qabel ma jwiegeb ghad-domandi lilu maghmula. Ghalkemm wiehed jista' jargumenta, illi l-Pulizija ma tistax toqghod tikkoncedi d-dritt tal-avukat lil kull persuna li tigi mitkellma, f'dan il-kaz is-sanzjonijiet huma horox, u ghalhekk jidher car illi l-Pulizija naqset mill-obbligu taghha skond il-ligi. Inoltre, l-ligi taghna ma tiddistingwiex bejn meta persuna ghandha tinghata d-dritt li tikkonsulta avukat u meta le.

Inoltre, mill-provi kif prodotti, l-akkuzi migjuba fil-konfront tal-appellant ma gietx pruvata lil hinn minn kull dubju dettata mir-raguni, u dan peress illi ma ngabitx il-prova legali li l-appellant kien fil-fatt dahal aktar minn tlett kilometri 'l gewwa mill-kosta. Jigi umilment sottomess, illi

sabiex l-appellant seta' jinstab hati li kkonfoffa jew ittanta, jew ghin, ta xi pariri jew flus lil xi haddiehor biex jikser xi disposizzjoni ta' dawn ir-regolamenti, jew biex jikser xi restrizzjoni jew htiega imposta minn jew taht dawn ir-regolamenti, l-ewwel riedet bilfors tingieb il-prova li l-appellant kien realment aktar minn tlett kilometri 'l gewwa.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat

Illi bħala prova quddiem l-ewwel Qorti ġew preżentati d-dokumenti segwenti:

1 )Affidavit ta' PS 364 fejn jispjega li l-appellant kien mitlub imur l-uffiċju tal-A.L.E. u ġie mistoqsi jekk kienx fl-inħawi ta' Delimara , ir-Ramla Żejtun għall-ħabta tas-16:30p.m u kif ukoll quddiem Ex Jerma Hotel nhar id- 9 t'Ottubru, 2013. Inoltre, jekk id-dinghy bin-numru S17329 kienx tiegħu. Ġie muri r-ritratti li ħadu tal-BIRD LIFE u ikkopera bi sħiħ mal-Pulizija. Saħansitra skont l-affdavit ammetta li kien iktar ' l ġewwa minn 3 KM mill-bajjiet u l-kosti għalkemm ma kellux GPS. Huwa kien qiegħed fil-kumpanija ta' ċertu Wayne Pisani.

2) L-affidavit ta' PS305 (Fol 5) jikkonferma dak li qal PS 364 u preżenta ċertifikat tal- Log book maħruġ minn Transport Malta.

3) L-affidavit ta' PC 798 (Fol 18) jikkonferma dak li qalu PS 364 U PS 305 u żied jgħid li fir-ritratti preżentati jidher Wayne Pisani qed jispara u l-appellant isuq id-dinghy.

4) Ġew preżentati wkoll ir-ritratti li ħadu dakinhar tal- LIFE project team flimkien mad-dokumentazzjoni u deskrizzjoni tagħhom.(Fol 8-17).

Illi l-ewwel aggravju mressaq mill-appellant huwa li l-ewwel Qorti sabet ħtija fl-appellant minħabba li ammetta magħhom li jista' jkun li daħlu iktar 'l ġewwa minn 3KM mill-bajja jew Kosta.

Illi din il-Qorti wara li fliet bir-reqqa l-affidavits jidher ċar li l-appellant ma kienx ingħata d-dritt li jkellem avukat jew li ma jirrispondix għal mistoqsijiet magħmula mill-pulizija.

Illi dan id-dritt għal avukat daħal fl-2010 u din id-deposizzjoni ngħatat quddiem il-Pulizija fid-9 t'Ottubru, 2013.

**L-Artikolu 355AUA tal- Kap 9** li jitratta d-dritt ta'aċċess għal avukat fi proċeduri kriminali jagħmilha ċara li :

*(1) Il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha d-dritt ta' aċċess għal avukat fil-ħin u b'tali mod li jħalliha teżerċita d-drittijiet ta' difiża tagħha b'mod prattiku u effettiv.*

*(2)* ***Il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha access għal avukat mingħajr ebda dewmien. Fi kwalunkwe eventwalità, il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha aċċess għal avukat*** *mill-mument li sseħħ l-ewwel waħda minn dawn il-ġrajjiet:*

*(a)* ***qabel ma tkun interrogata mill-Pulizija Eżekuttiva*** *jew minn awtorità oħra għall-infurzar tal-liġi jew awtorità ġudizzjarja fir-rigward tat-twettiq ta' reat kriminali;*
*(b) mat-twettiq minn awtoritajiet investigattivi jew awtoritajiet kompetenti oħra ta' xi att ta' natura investigattiva jew att ta' kollezzjoni ta' evidenza oħra skont is-subartikolu (8)(e);*
*(ċ) mingħajr ebda dewmien wara li tkun ġiet imċaħħda l-libertà;*
*(d) meta tkun ġiet imħarrka sabiex tidher quddiem qorti li għandha ġurisdizzjoni f'materji kriminali, f'qasir żmien qabel ma titressaq quddiem dik il-qorti.*

Inoltre, l-**Artikolu 658 tal-Kap 9** li titratta l-konfessjoni tal-imputat jew akkużat għid li tista' tkun kemm stqarrija rilaxxata bil-miktub u kif ukoll bil-fomm.

*'Kull ħaġa li imputat jew akkużat jistqarr, kemm bil-miktub, b'mezzi awdjoviżwali jew b'mezzi oħra, tista' tittieħed bi prova kontra jew favur min, skont kif ikun il-każ, ikun stqarrha....'*

Għal din ir-raġuni din il-Qorti qed tilqa' kemm l-ewwel aggravju u kif ukoll mhux ser tikkonsidra l-parti tal-affidavits preżentati fejn hemm miktub li l-appellant ammetta li kien iktar minn 3KM ' il ġewwa mill-Kosta.

Illi t-tieni aggravju mressaq mill-appellant jikkonċerna l-fatt li ma ġiex pruvat li huwa kien qed isuq iktar minn 3KM ‘il ġewwa mill-kosta.

F’dan ir-rigward il-prova li hemm huma r-ritratti preżentati mill-Prosekuzzjoni u li huma dokumentati minn tal-LIFE project team.

Illi minn dawn id-dokumenti ( fol 8)  hemm indikati l-koordinati eżatti ta’ fejn kienu jinstabu u meta wieħed ifittexx iż-żewġ koordinati jidher ċar li meta kien għaddej bid-dinghy  u kien hemm l-isparar kienu qegħdin bejn 2.28 KM u 2.56KM il-bogħod mill-kosta.

Għaldaqstant, għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti tichad l-appell ta’ Dygon Magro u tikkonferma s-sentenza appellata.